**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 1/2011**

**Illum: 1 ta' Marzu 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Mason Nehls**
**(ID 416593(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Mason Nehls ta' 16-il sena, iben Michael u Rita nee` Abela, imwieled il-Pieta` fil-15 ta' Settembru 1993, residenti 'Blk V', Flat 5, Fuxa Street, Santa Lucija, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 416593(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-3 ta' Lulju 2010 u matul il-gimghatejn ta' qabel din id-data:

a) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-

disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

b) U aktar talli fit-3 ta' Lulju 2010 u matul l-ahhar gimghat ta' qabel din id-data, kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tas-27 ta' Mejju 2016, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz u li m'humiex ikkontestati kienu s-segwenti: Nhar it-3 ta' Lulju 2010, pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga kienu marru fir-residenza tal-imputat odjern gewwa Santa Lucija u ghamlu tfittxija. Barra l-bieb tal-kamra tas-sodda tal-istess imputat, fuq xkaffa fil-kuritur, taht statwa zghira, instabu zewg pakketti bi trab abjad, dak il-hin suspettat kokaina. Fil-kamra tas-sodda tal-imputat instabu xi kaxxa zghira u *pencil case* b'tabakk u xi affarijiet relatati mal-uzu tal-*cannabis*. L-imputat gie arrestat u ttiehed gewwa l-

Kwartieri Generali tal-Pulizija ghal investigazzjoni ulterjuri.[1] Huwa rrilaxxja stqarrija nhar it-3 ta' Lulju 2010, wara li nghata s-solita twissija, kif ukoll id-dritt li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tieghu, liema dritt huwa ghazel li ma jezercitahx. In vista tal-fatt illi l-imputat kien ghadu minuri fiz-zmien tal-kaz odjern, waqt l-interrogatorju tieghu kien hemm presenti wkoll omm l-istess imputat.[2]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Permezz tal-ewwel imputazzjoni, l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat ta' pussess aggravat tad-droga kokaina. Fl-istqarrija tieghu, b'referenza ghaz-zewg boroz bit-trab abjad li nstabu fil-pussess tieghu, l-imputat jghid illi dawn huma kokaina u li kien xtrahom sabiex ibieghhom. Kif jispjega l-Ufficjal Prosekutur fix-xhieda tieghu, kien proprju ghal din ir-raguni illi l-imputat gie addebitat bir-reat ta' pussess aggravat tal-istess droga.[3] Biss mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, jirrizulta illi fost affarijiet ohrajn, huwa nghata ghall-analizi tieghu, borza tal-plastik trasparenti li fiha karta bil-kliem Data 3/7/10 Hin 14.30 Elevat/i minn fuq il-bookshelf fil-kuritur fil-prezenza tieghu minn PC 364, PC 760, WPS 136, WPC 23 u zewg bicciet tal-plastik trasparenti li fihom trab ta' lewn abjad. Jirrizulta wkoll mill-istess relazzjoni illi fl-estratti mehuda mit-trab ta' lewn abjad f'dan id-dokument, instabet is-sustanza *Lidocaine*, li l-piz total tat-trab kien ta' 1.07 grammi u li s-sustanza *Lidocaine* mhijiex ikkontrollata bil-ligi Maltija, izda tista' tintuza bhala *adulterant* fil-kokaina. In oltre fix-xhieda tieghu, ix-Xjenzat Godwin Sammut jispjega illi ma sabx kokaina fit-trab abjad.[4]

Ghalhekk, ghalkemm l-imputat kellu l-intenzjoni li jbiegh is-sustanza in kwistjoni qua kokaina, ghaliex hekk haseb li kienet din is-sustanza, biss huwa nieqes l-att materjali ossia l-pussess tad-droga kokaina. Ghaldaqstant, din l-imputazzjoni ma tirrizultax ippruvata.

Permezz tat-tieni imputazzjoni, imbaghad, l-imputat gie akkuzat ukoll bir-reat ta' pussess semplici tar-raza tal-*cannabis* u dan b'referenza ghat-3 ta' Lulju 2010 u l-ahhar gimghat ta' qabel din id-data. Mill-provi prodotti, jirrizulta illi ma nstabitx raza tal-*cannabis* fil-pussess tal-imputat, izda biss oggetti li jintuzaw fl-uzu tal-*cannabis*. Madankollu fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid illi huwa jpejjep ir-raza

[1] Ara x-xhieda ta' PC 760 Christopher Saliba (a fol. 13 u 14 tal-process); ix-xhieda ta' WPC 23 Geraldine Buttigieg (a fol. 15 u 16 tal-process); ix-xhieda ta' PC 364 David Borg (a fol. 17 sa 19 tal-process) u x-xhieda ta' WPS 136 Charlene Persiano (a fol. 20 u 21 tal-process).
[2] Ara l-istqarrija tal-imputat a fol. 10 u 11 tal-process.
[3] Ara x-xhieda tal-Ispettur Johann J. Fenech, a fol. 7 tal-process.
[4] A fol. 25 u 26 tal-process.

tal-*cannabis*. Jghid illi l-ahhar li pejjep kien "*il-gimgha l-ohra*" u li jpejjep *joint* kuljum. Jghid ukoll illi huwa jixtri bicca tat-€12, meta jkollu l-flus.

Jirrizulta car ghalhekk illi fil-perjodu li ghalih tirreferi din l-imputazzjoni, l-imputat kien fil-pussess tar-raza tal-*cannabis*. Ghaldaqstant din l-imputazzjoni tirrizulta sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi sa fejn din tirreferi ghall-ahhar gimghat ta' qabel it-3 ta' Lulju 2010.

Ghal fini ta' piena dwar din l-ahhar imputazzjoni, il-Qorti qieset fl-ewwel lok illi 'bl-ahhar gimghat', il-Prosekuzzjoni qeghda tirreferi ghax-xahar ta' qabel it-3 ta' Lulju 2010 ghaliex altrimenti kienet tirreferi ghax-xhur ta' qabel. Fit-tieni lok, ghalkemm l-imputat jghid illi jpejjep *joint* kuljum, fl-istess hin jghid ukoll illi jixtri r-raza meta jkollu l-flus, li jfisser ghalhekk illi mhux dejjem ikollu l-flus biex jixtri r-raza. Effettivament fil-jum in kwistjoni, tal-inqas fir-residenza tieghu, ma nstabet l-ebda raza tal-*cannabis*. In oltre, fl-istess stqarrija jghid ukoll illi l-ahhar li pejjep kien fil-gimgha ta' qabel, u mhux per ezempju 'il-bierah', li jfisser ghalhekk illi ma kienx ipejjep kuljum. Ghalhekk il-Qorti tqis illi f'dan il-kaz, m'hemmx prova, fil-grad rikjest mil-ligi, li turi illi fiz-zmien in kwistjoni, l-imputat kellu izjed minn 3.5 gramma *cannabis* fil-pussess tieghu. Konsegwentement, ghal fini ta' piena, qeghda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta. Qieset ukoll il-fedina penali tal-imputat li fiz-zmien tal-kaz odjern kienet wahda netta, li kkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha u li kien minuri meta sehh il-kaz.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a) u 22(1)(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 4(1) u (2) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed issib lill-imputat mhux hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u qed tilliberah minnha, izda qed issibu hati tat-tieni imputazzjoni (u dan b'referenza ghall-ahhar gimghat ta' qabel it-3 ta' Lulju 2010 u mhux ghat-3 ta' Lulju 2010) u tikkundannah ghall-penali ta' sittin Euro (€60). Ai termini tal-Artikolu 10(2) tal-Kap. 291, tordna li f'kaz li l-hati ma jhallasx din is-somma fi zmien xahar mil-lum, huwa ghandu jhallas penali addizzjonali ta' hdax il-Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65).

Stante illi r-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut ma nciditx fuq il-htija tal-hati f'dan il-kaz, il-Qorti m'hijiex qed tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-istess relazzjoni.

Tordna d-distruzzjoni tas-sustanza u tal-oggetti esebiti, Dokument JF1, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat